***REVOKA TA' MANDAT TA' QBID – ART 285 – ART 303 –***

***- OGGETTI MHUX SUGGETTI GHALL-MANDAT TA' QBID –***

***- ART 304 (A) KAP 12 –***

***GHAMARA LI TITQIES RAGONEVOLMENT MEHTIEGA GHALL-GHIXIEN B'MOD DICENTI GHAD-DEBITUR U L-FAMILJA TIEGHU***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 31 ta' Jannar 2001**

**Kawza Numru: 12**
**Citazzjoni Numru: 3013/96/RCP**

**Catherine Scicluna f'isimha proprju u bhala mandatarja specjali ta' zewgha Anthony Scicluna assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprju stante li m'ghadux assenti.**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fil-mandat ta' qbid numru 1161/93GB mahrug mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Direttur tas-Sigurta Socjali kontra Anthony Scicluna personalment u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta D & SC Company Limited hawn anness u markat dokument ittra 'A', l-oggetti li kellhom jigu sekwestratri permezz tal-mandat ta' qbid, gew sekwestrati permezz ta' rikonjizzjoni, u fir-riferta ta' rikonjizzjoni ma gewx identifikati haga b'haga kif rikjest mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fost l-imsemmija oggetti li hemm riferenza ghalihom fil-mandat ta' qbid numri 1161/82GB, hemm diversi minnhom li skond il-ligi ma humiex sekwestrabbili u dan peress illi huma oggetti konsistenti f'utensili, apparat u ghamara li huma ragonevolment mehtiega ghal ghixien dicenti ta' attrici proprio et nomine u tal-familja taghha;

L-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-mandat ta' qbid bin-numri 1161/93GB ghandu nuqqas serju fil-forma u s-sustanza tieghu in kwantu fir-riferta ta' rikonjizzjoni

maghmula fuq dan il-mandat, l-oggetti li kellhom jigu maqbuda ma gewx imsemmija;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, previa dikjarazzjoni li whud mill-oggetti in kwistjoni jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-attrici u zewgha Anthony Scicluna, il-mandat 161/93GB kien mahrug fuq oggetti li ma humiex sekwestrabbli skond il-ligi peress li huma oggetti konsistenti f'ghamara u utensili li huma ragonevolment mehtiega ghall-ghixien dicenti ta' l-attrici proprio et nomine u tal-familja taghha;

3. Tirrevoka l-mandat ta' qbid numri 1161/93GB u konsegwentement l-ezekuzzjoni ta' l-istess mandat numru 1161/93GB ta' qbid fl-ismijiet Direttur tas-Sigurta Socjali kontra Anthony Scicluna personalment u bhala direttur tas-Socjeta D & SC Company Limited.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti ma l-istess citazzjoni attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'hemm ebda nuqqas formali jew sostantiv fil-mandat *de quo*. Illi r-riferta ta' rikonjizzjoni hija bazata fuq riferta specifika fejn hemm elenku dettaljat tad-diversi oggetti maqbuda u m'hemm l-ebda rekwisit radikat fil-ligi li jigi dikjarat l-ovvju fir-rikonjizzjoni.

2. Illi jekk l-oggetti jifformawx parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jew le ma ghandux rilevanza legali f'dan il-kaz statne li kemm l-attrici kif ukoll zewgha huma **personalment,** separatement u solidalment responsabbli ghall-hlas tad-debiti taghhom flimkien mas-socjeta` D&S Company Ltd. Illi xejn ma gie sekwestrat li mhux permess mill-ligi.

3. Illi t-tielet talba attrici hija *non sequitur* ghaliex ma jsegwix li ghandu jigi revokat mandat minhabba l-allegati nuqqasijiet li jikkontjeni galadarba il-kreditu tal-konvenut huwa validu u konsolidat b'titolu esekuttiv.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 14 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tat-8 ta' Lulju 1997; tat-18 ta' Frar 1998; tas-17 ta' Gunju 1998; tal-11 ta' Dicembru 1998; tas-17 ta' Novembru 1999; tat-2 ta' Frar 2000 u tat-12 t'Ottubru 2000 fejn id-difensuri qablu li l-kawza tista' tibqa'

ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2001.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza titratta dwar mandat ta' qbid numru 1161/93 GB mahrug mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Direttur tas-Sigurta Socjali kontra Anthony Scicluna personalment u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` D&SC Company Limited. L-oggetti li kellhom jigu sekwestrati b'dan il-mandat gew sekwestrati permezz ta' rikonjizzjoni.

Illi l-atturi fic-citazzjoni qed jikkontendu li l-mandat ta' qbid in kwistjoni ghandu nuqqas serju fil-forma u s-sustanza tieghu peress illi fir-riferta ta' rikonjizzjoni maghmula l-oggetti li kellhom jigu maqbuda ma gewx imsemmija haga haga pero` saret biss referenza ghal oggetti; u dan imur kontra dak li hu rikjest mill-ligi.

Inoltre` l-istess atturi qed isostnu li whud mill-oggetti li hemm referenza ghalihom fil-mandat ta' qbid in kwistjoni jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti taghhom. Kif

ukoll, illi l-istess mandat ta' qbid kien mahrug fuq oggetti li ma humiex sekwestrabbli peress li huma oggetti konsistenti f'ghamara u utensili li huma ragonevolment mehtiega ghall-ghixien dicenti taghhom u ta' familthom. Kwindi qed jitolbu ghar-revoka ta' tali mandat.

Illi min-naha tieghu l-konvenut Direttur tas-Sigurta` Socjali eccepixxa li m'hemm l-ebda nuqqas formali jew sostantiv fil-mandat. Illi r-riferta ta' rikonjizzjoni hija bazata fuq riferta specifika fejn hemm elenku dettaljat tad-diversi oggetti maqbuda u m'hemm l-ebda rekwizit radikat fil-ligi li jigi dikjarat l-ovvju fir-rikonjizzjoni.

L-istess konvenut eccepixxa wkoll illi m'huwiex relevanti legalment jekk l-oggetti jifformawx parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti stante li kemm l-attrici kif ukoll zewgha huma personalment separatament u solidalment responsabbli ghall-hlas tad-debiti taghhom flimkien mas-socjeta` D&S Company Ltd. Illi skond hu xejn ma gie sekwestrat li mhux permess mill-ligi. Kif ukoll, it-tielet talba attrici hija *non sequitur* ghaliex ma jsegwix li ghandu jigi revokat mandat minhabba l-allegati nuqqasijiet meta l-kreditu tal-konvenut huwa validu u konsolidat b'titolu esekuttiv.

**<u>L-EWWEL TALBA</u>**

Ill l-atturi jsostnu li l-mandat ta' qbid ghandu nuqqas serju fil-forma u sustanza tieghu peress li fir-riferta ta' rikonjizzjoni maghmula, l-oggetti ma gewx imsemmija haga haga.

Illi din it-talba hi bbazata fuq l-**Artikolu 285** kif ukoll fuq l-**Artikolu 303 tal-Kap 12**. L-**Artikolu 285 tal-Kap 12** ighid hekk:

"*Il-marixxal ghandu jiddeskrivi, haga b'haga, fit-tarf tal-mandat, il-hwejjeg maqbuda, u jekk fost dawn il-hwejjeg ikun hemm merkanzija, iqabbad lil min jizinha, iqisha jew ikejjilha, skond ma tkun*".

Illi fl-**Artikolu 303** tissemma l-kwistjoni ta' meta jkun hemm rikonjizzjoni. Dan l-artikolu jghid:

303 (1): *"Jekk il-marixxall meta jigi biex jaghmel esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid isib li ga kien gie esegwit mandat iehor u mahtur kunsinnatarju hu ma jargax jaqbad il-hwejjeg ga maqbuda, izda jaghmel rikonjizzjoni tal-hwejjeg li jkunu gew hekk maqbuda, u l-kunsinnatarju hu fid-dmir li jipprezentalu dawn il-hwejjeg".*

*(2) - omissis –*

(3) *"Il-marixxall ghandu wkoll jaghmel riferta tar-rikonjizzjoni hawn fuq imsemmija, u din ir-riferta jkollha l-effett ta' sekwestru f'idejn il-kunsinnatarju".*

Illi kif jirrizulta mill-**Artikolu 303** huwa minnu li f'kaz li l-mandat ta' qbid ikun se jigi ezegwit b'rikonjizzjoni, il-Marixxall ikun irid jaghmel riferta. Izda l-ligi ma tispecifikax

li f'tali riferta l-oggetti maqbuda jridu jissemmew haga b'haga. Meta l-ligi tezigi xi forma jew sustanza in partikolari tispecifikaha u fil-fatt, huwa applikabbli ghall-kaz odjern id-dettam latin *ubi lex voluit dixit*. Fl-**artikolu 285** hemm specifikat li l-hwejjeg maqbuda jridu jissemmew haga b'haga, mentri fil-kaz tar-riferta ta' rikonjizzjoni dan mhux rikjest *ad validatem*. Inoltre fil-kaz odjern fir-riferta ta' rikonjizzjoni saret referenza ghall-mandat li nhareg precedentement f'liema mandat hemm riferta specifika fejn hemm elenku dettaljat tad-diversi oggetti. Ovvjament, li saret tali riferenza kien ikun ezercizzju totalment futili u kien iwasal biss hela ta' hin.

*Di piu`* importanti wkoll li jissemma l-principju ormai ben stabbilit illi l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati; u m'ghandux ikun hemm formalizmu ezagerat. Kwindi japplika l-principju ribadit tis-sentenza "**Alfred Vella et vs Agostino Camilleri**" – (FGC – 21 ta' Frar 1997 – Vol LXXXI.iii.30) li "*in-nullita` ta' l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali fl-att ma jistax assolutament jigi ttolerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali".* ("**Guido J Vella A & CE vs Dr Emanuel Cefai"** – AC 4 ta' Novembru 1991).

**IT-TIENI TALBA**

Illi l-atturi jikkontendu li whud mill-oggetti maqbuda jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom. Fl-ewwel lok, ma ngabet l-ebda prova dwar tali talba; u,

inoltre`, dan il-fatt ghad-Direttur tas-Sigurta Socjali huwa *res inter alios acta*.

Fl-istess talba, l-atturi jsostnu li l-mandat in kwistjoni kien mahrug fuq oggetti li ma humiex sekwestrabbli skond il-ligi peress li huma oggetti konsistenti f'ghamara w utensili li huma ragonevolment mehtiega ghall-ghixien dicenti tal-atturi u tal-familja taghhom. Illi huma pprezentaw nota ta' sottomissjonijiet dettaljata fuq tali talba fejn spjegaw l-artikoli relevanti u ccitaw il-gurisprudenza fuq tali suggett. Illi f'din in-nota (a fol 27 *et sequitur* tal-process) elenkaw l-oggetti li skond huma m'humiex sekwestrabbli.

Illi skond l-**artikolu 304 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, m'humiex soggetti ghall-qbid:

*"(a) l-ilbies ta' kuljum, is-sodda u dawk l-affarijiet tal-kcina u l-ghamara li jitqiesu ragonevolment mehtiega ghall-ghijxien b'mod dicenti tad-debitur u tal-familja tieghu;*

*(b) il-kotba tal-professjoni tad-debitur jew tat-tfal tieghu;*

*(c) ir-registri u l-minutarji tan-natura pubblici;*

*(d) il-makni u l-ghodda mehtiega ghat-taghlim, jew ghall-ezercizzju tax-xjenza jew ta' l-arti tad-debitur jew tat-tfal tieghu;*

*(e) il-bhejjem u l-ghodod mehtiega ghall-biedja;*

*(f) il-bastimenti mikrija ghall-kollox fis-servizz tal-Gvern ta' Malta;*

*(g) kull proprjeta` ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija jew tal-Forzi Armati ta' Malta li tkun armi, munizzjon, taghmir, strumenti jew ilbies uzati minnu fil-qadi ta' dmirijietu;*

Izda l-hwejjeg imsemmija fil-paragrafi (a) sa (f) ta' dan l-artikolu jistghu jigu maqbuda:

*(i) "meta l-mandat tal-qbid jintalab ghall-prezz ta' dawk il-hwejjeg;*

*(ii) meta l-mandat tal-qbid jintalab ghal kera jew ghal cnus tal-fond fejn dawk il-hwejjeg ikunu jinzammu;*

*(iii) meta d-debitur ma jkollux hwejjeg ohra ghajr dawk fuq imsemmija, u l-qorti, fuq rikors tal-kreditur, jidhrilha li jkun sewwa li tordna l-qbid ta' dawk il-hwejjeg".*

Illi l-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom fuq is-sub-artikolu (a). Illi fis-sentenza "**Vincenzo Navarro Cutajar vs Emmanuela Schembri**" – (Deciza 12 ta' Dicembru 1952 – Vol XXXVI.I.365) intqal:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "**Sciberras vs Pace Balzan et**" – (Kollez – Vd. XVI.III. p 39), dan l-artikolu hu eccezzjoni ghar-regola generali li min ikun obbliga ruhu personalment huwa tenut li jadempixxi l-obbligazzjonijiet*

*tieghu bil-beni tieghu kollha prezenti u futuri; u ghalhekk ma jistax jigi estiz oltre l-kazijiet li jinsabu fih espressi".*

Il-Qorti kompliet tikkummenta hekk fuq dan l-artikolu:

*"Trattandosi ta' privilegg, hu obbligu tat-tribunal li japplika l-ligi fis-sens letterali, b'effett restrittiv (Appell – "**Cachia vs Barbara"** - 21 ta' Frar 1896 - Vol XV – p 403). Tant aktar meta wiehed izomm quddiem ghajnejh ic-cirkustanza li din l-interpretazzjoni restrittiva giet ordnata mill-istess legislatur tal-Ligi Municipali (Kodici De Rohan, para 24, Lib II, Cap III) li minnha originat il-ligi attwali".*

Illi din il-Qorti thoss li dan l-artikolu ghandu jigi nterpretat b'mod restrittiv. Dan ma jfissirx li ma jigux kunsiderati c-cirkostanzi kollha tal-kaz u n-necessitajiet ghall-ghixien dicenti ta' dak li jkun. Pero` jrid ikun hemm bilanc bejn id-diffikultajiet tad-debitur u min-naha l-ohra li l-kreditur ghandu jithallas dak li hu dovut lilu, il-ghaliex fin-nuqqas ta' dan tkun qed issir nuqqas ta' gustizzja kontra l-kreditur.

Illi ghalhekk a bazi ta' tali principju, mill-lista li pprezentaw l-atturi fin-nota taghhom, (i) il-kcina tal-oak kompluta; (ii) il-freezer; (iii) il-fridge; u (iv) il-forn ta' l-elettriku huma oggetti li mhumiex sekwestrabbli a tenur ta' l-**artikolu 304 (a) tal-Kapitolu 12** peress li huma oggetti li ghaz-zminijiet tal-llum huma ragonevolment mehtiega ghall-ghixien dicenti tad-debitur u tal-familja tieghu. L-affarijiet l-ohra kollha huma hafna aktar min-necessita` u kwindi m'ghandhomx jitqiesu bhala mhux sekwestrabbli.

**<u>IT-TIELET TALBA</u>**

Illi konsegwentement din it-talba ghar-revoka tal-mandat ta' qbid ghandha tigi michuda peress illi, hlief ghall-oggetti msemmija li mhumiex sekwestrabbli, ma nstabet l-ebda raguni valida fil-ligi sabiex jigi revokat.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut bil-mod premess u tichadhom biss in kwantu jirreferu ghall-oggetti hawn elenkati fid-*decide* ta' din is-sentenza stante li tali erba' oggetti konsistenti fi kcina ta' l-oak kompluta, freezer, fridge, u forn ta' l-elettriku ma humiex sekwestrabbli *ai termini* ta' l-**artikolu 304 (a) tal-Kap 12** u konsegwentement tichad l-ewwel talba attrici, filwaqt li tilqa' biss in parte t-tieni u t-tielet talba attrici b'dan illi:

(2) Tiddikjara li l-oggetti hawn elenkati konsistenti fi: (i) il-kcina ta' l-oak kompluta; (ii) il-freezer; (iii) il-fridge; (iv) il-forn ta' l-elettriku, ma humiex oggetti sekwestrabbli skond il-ligi a tenur ta' l-**artikolu 304 (a) tal-Kap 12** u bhala tali ma ghandhomx jitqiesu bhala oggetti maqbuda bil-mandat ta' qbid numru 1161/93GB;

(3) Tikkonferma l-mandat ta' qbid numru 1161/93GB, u l-esekuzzjoni ta' l-istess mandat hlief ghall-oggetti: (i) il-

kcina ta' l-oak kompluta; (ii) il-freezer; (iii) il-fridge; (iv) il-forn ta' l-elettriku, stante li dawn l-oggetti mhux sekwestrabbli *ai termini* ta' l-artikolu **304 (a) tal-Kap 12** b'dan ghalhekk li din il-Qorti tirrevoka l-esekuzzjoni ta' l-istess mandat in kwantu jirreferi biss ghall-istess erba' oggetti hawn indikati, u tikkonferma l-esekuzzjoni tal-mandat ghall-bqija ta' l-oggetti fuq elenkati u indikati fl-istess mandat ta' qbid numru 1161/93GB.

Bl-ispejjez kollha ghall-atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**31 ta' Jannar 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Jannar 2001.**